# Saċerdoti ġodda fil-Parroċċa ta' Birkirkara (1808-1849)

Minn Winston L. Zammit B.A. (Hons), M.A.

Fis-seklu XIX (1800-1899) il-parroċċa Elenjana kellha numru sabiħ ta' saċerdoti ġodda. Bejn l-1808 u l-1849, din il-parroċċa kellha żgur 40 saċerdot ġdid, u ma neskludix il-fatt li seta' kien hemm iżjed, billi wħud mill-paġni tar-Reġistru ta' l-Ordinazzjonijiet ta' l-Isqof F. Mattei (1808-1829) ġratilhom ħafna ħsara u minħabba f'hekk ma jistgħux jinqraw.

L-iskop ta' dan l-artiklu huwa mhux biss li jagħti lista tas-saċerdoti li ġew ordnati bejn l-1808 u l-1849, iżda fejn huwa possibbli li jingħata tagħrif dwarhom.

F'dawn il-profili se niltaqgħu ma' 40 saċerdot. Wieħed minnhom, Dun Kalċ Agius, sar Prepostu tal-Kolleġġjata Elenjana u wara Kanonku tal-Katidral. 23 oħra saru kanonċi tal-Kolleġġjata Elenjana, u fosthom niltaqgħu ma' tlieta li damu iżjed minn 50 sena kanonċi, Dun Alwiġ Borġ, Dun Mikiel Tonna u Dun Feliċ Grech.

Is-sittax-il saċerdot l-ieħor taw ukoll servizz pastorali, u tnejn minnhom kienu kappillani fil-Ħamrun u f'San Ġiljan.

**Dun Naz Bartolo:** Ġie ordnat saċerdot mill-Isqof Mattei fil-11 ta' Ġunju 1808(1). Mill-Atti Kapitulari nafu li kien Kanonku f'Diċembru 1847(2) u ismu jerġa' jidher mal-lista tal-kanonċi fil-Vista Pastorali ta' l-1849(3).

**Dun Guzepp Farrugia:** Ġie ordnat saċerdot mill-Isqof Mattei fil-21 ta' Diċembru 1811 (4).

**Dun Vincenz Gauci:** Ġie ordnat saċerdot mill-Isqof Mattei fid-19 ta' Diċembru 1812 (5). Ħadem bħala eżaminatur fil-Fratellanza tad-Duttrina fil-parroċċa ta' B'Kara (6). Fit-3 ta' Lulju 1834, ġie maħtur bħala Prokuratur tal-Fratellanza tar-Rużarju, eretta fil-Kolleġġjata Elenjana.(7)

**Kan. Dun Vincenz La Speranza:** Kien diġà Kanonku tal-Kolleġġjata Elenjana fid-19 ta' Diċembru 1812, meta ġie ordnat Djaknu mill-Isqof Mattei (8). Ġie

ordnat Saċerdot fl-1814 mill-istess Isqof.(9) Fl-10 ta' Ġunju 1833, l-Isqof Caruana ħatru bħala Prokuratur tal-Veneranda Lampada u tal-legati annessi magħha tal-knisja tal-viċi-parroċċa tal-Furjana flimkien ma' Tumas Micallef (10), kariga li kien għadu fiha fl-1840.(11) Il-Kan Speranza dam ukoll għal 20 sena bħala kappillan-anzjan fl-ospizju tal-Furjana.(12) Miet fis-7 t'Ottubru 1856, fl-età ta' 78 sena, u ġie midfun fil-kannierja tal-knisja ta' San Publiju fil-Furjana. (13)

**Dun Pawl Aquilina:** Ismu jidher mal-lista tal-Kanonċi Elenjani fil-Viżta Pastorali ta' l-1811, meta kien għadu sud-djaknu(14). Ġie ordnat Djaknu fl-1812, u saċerdot fl-1814(15). Ħadem fil-Fratellanza tad-Duttrina (16) u ismu jerġa' jidher mal-Kanonċi Elenjani fil-Viżta Pastorali ta' l-1820.(17)

**Dun Gwann Scicluna:** Fl-1811 meta kien għadu sud-djaknu, kien diġà membru tal-Kapitlu Elenjan.(18) Ġie ordnat Djaknu fl-1812 u saċerdot fl-1814. (19) Ismu jerġa' jidher mal-lista tal-Kanonċi Elenjani fil-Vista Pastorali ta' l-1820.(20) Il-Kanonku Scicluna ħadem ukoll fil-Fratellanza tad-Duttrina.(21)

**Dun Anton Micallef (1791-1875):** Iben Marju u Elena Pace (22). Twieled fis-6 ta' Jannar 1791.(23) Ġie ordnat saċerdot fil-21 ta' Diċembru 1816(24) u sar Kanonku tal-Kolleġġjata Elenjana fl-1831 (25). Fil-Vista Pastorali tal-1849, Dun Anton Micallef ġie kkonfermat fil-kariga tal-Prokuratur ta' l-Erwieħ(26) Konfessur, għalliem u predikatur (27), miet fid-29 ta' Jannar 1875, fl-età ta' 84 sena u 23 jum. (28)

**Dun Gwakkin Vassallo (1793-1876):** Ġie ordnat saċerdot f'xi żmien bejn Ottubru 1817 u Frar 1818.(29) Dun Ġwakkin ħadem fil-Fratellanza tad-Duttrina (30) u miċ-ċertifikat tal-mewt tiegħu nafu li kien konfessur u għal żmien twil Viċi-Parroku f'B'Kara.(31) Kanonku tal-Kolleġġjata mis-16 ta' Jannar 1839, fil-Viżta Pastorali ta' l-1820 kien ġie maħtur bħala Prokuratur tal-knisja ta' San Ġiljan (32). Miet fit-22 ta' Frar 1876, fl-età ta' 82 sena u 6 xhur(33).

**Dun Nazju Borg:** Ġie ordnat saċerdot bejn it-8 t'Ottubru 1817 u t-22 ta' Frar 1818.(34)

**Dun Gwann Grech:** Ġie ordnat saċerdot fit-18 ta' Diċembru 1819. (35)

**Dun Pietru Pawl Scicluna:** Kien għadu sud-djaknu meta fl-1820 diġà nsibuh bħala Kanonku tal-Kolleġġjata Elenjana(36) u bħala Sud-djaknu kien ukoll jaħdem fil-Fratellanza tad-Duttrina (37). Ġie ordnat saċerdot mill-Isqof Sant fl-14 ta' Lulju 1822 (38).

**Dun Kustanz Charbon:** Fil-11 ta' Lulju 1819 ngħata t-tonsura klerikali mill-



Isqof Mattei (39), u f'Ottubru tas-sena ta' wara meta kien kjeriku nsibuh fil-lista tal-Kanonċi Elenjani bħala Kanonku Kantur.(40) Ħadem fil-Fratellanza tad-Duttrina.(41) Ġie ordnat Djaknu mill-Isqof Mattei fl-20 ta' Diċembru 1823 (42) iżda ma rnexxilix insib id-data ta' l-ordinazzjoni tiegħu. Il-Kantur Charbon miet fil-25 ta' Novembru 1847.(43)

**Dun Gwann Tonna:** Kien ghadu Kjeriku,meta fl-1820 diġà nsibuh bħala membru tal-Kapitlu Elenjan. (44) Ġie ordnat saċerdot mill-Isqof Sant f'Mejju 1826.(45)

**Dun Salv Mallia:** Bħala Kjeriku ħadem fil-Fratellanza tad-Duttrina. (46) Ġie ordnat saċerdot mill-Isqof Mattei fit-23 ta' Diċembru 1826. (47)

**Dun Wistin Fenech:** Ġie ordnat saċerdot mill-Isqof Sant fl-20 ta' Diċembru 1828. (48) Mill-atti tal-Viżta Pastorali ta' l-1849, nafu li kien wieħed miż-żewġ Viċi-parroki tal-parroċċa ta' B'Kara. (49)

**Dun Guzepp Pace:** Ġie ordnat saċerdot fl-20 ta' Diċembru 1828. (50) Kien Kanonku tal-Kolleġġjata Elenjana u miet fl-età żgħira ta' 35 sena fit-8 t'April 1837. (51)

**Dun Wistin Sayd:** Ġie ordnat saċerdot mill-Isqof Sant fl-20 ta' Diċembru 1828. (53)

**Dun Alwig Borg (1805-1878):** Iben Franġisku u Joanna Borg. Sar Kanonku tal-Kolleġġjata Elenjana fl-1820 meta kien għadu kjeriku (54) u ġie ordnat saċerdot mill-Isqof Mattei fit-8 ta' Marzu 1829. (55) Konfessur u predikatur, maż-żmien Dun Alwiġ sar il-Kanonku Anzjan tal-Fundazzjoni Filippina, u bħala tali ħadem ħafna biex fil-Kolleġġjata Elenjana titwaqqaf id-dinjità Dekanali. (56) Dan seħħ permezz ta' Bolla Appostolika bid-data ta' l-10 ta' Mejju 1859, li biha twaqqfet id-dinjità Dekanali, it-tieni Dinjità tal-Kapitlu Elenjan li kellha titgawda dejjem mill-kanonku anzjan tal-Fundazzjoni Filippina. Wara li waslet il-Brevi

Appostoliku Dun Alwiġ ippreżentahom fil-Kurja ta' l-Isqof fit-18 ta' Ġunju 1859. L-għada 19 ta' Ġunju, il-Vigarju Ġenerali Kan. Dun Filippu Amato bħala Delegat Speċjali ta' l-Arċisqof ta' l-pussess ta' Kanonku Dekan lill-Kan. Dun Alwiġ Borg, li b'hekk sar l-ewwel Kanonku Dekan tal-Kolleġġjata Elenjana. (57) Dun Alwiġ dam igawdi din id-dinjità l-ġdida għal iżjed minn 19-il sena. Miet fl-14 ta' Diċembru 1878 fl-età ta' 73 sena. (58)

**Dun Mikiel Tonna (1805-1885):** Bħad-Dekan Borg, il-Kanonku Mikiel Tonna, ta servizz twil lill-Kolleġġjata Elenjana. Twieled fil-11 ta' Mejju 1805 (59) u ġie ordnat saċerdot fit-28 ta' Mejju 1831. (60) Kien Kappillan tal-kor, Ċeremonier u Surmast ta' l-iskola, u fid-9 ta' Marzu 1834, ħa l-pussess ta' Kanonku tal-Kolleġġjata Elenjana. (61) Fl-1878 huwa kien l-iżjed kanonku anzjan tal-Fundazzjoni Filippina iżda naturalment minħabba l-età, m'aċċettax id-Dinjità Dekanali, wara l-mewt tad-Dekan Luigi Borg. (62) Dun Mikiel, li kien predikatur u konfessur (63) amministra diversi prokuri. Insibu li f'Jannar 1846, huwa ġie maħtur bħala wieħed mit-tliet prokuraturi tal-knisja. (64). Fil-Viżta Pastorali ta' l-1849 ġie kkonfirmat fil-kariga ta' prokuratur ta' l-altar tal-Kunċizzjoni u tal-kwaranturi. (65) u reġa' ġie kkonfermat f'dawn il-karigi fil-Viżta Pastorali ta' l-1861 u ta' l-1863. (66) Fl-1864 ġie wkoll maħtur bħala wieħed mill-Puntaturi tal-Kor. (67) Mimli bil-ġħomor, Dun Mikiel ħalla dan il-wied tad-dmugħ fil-15 ta' Lulju 1885, fl-età ta' 80 sena, wara li kien ilu kanonku 51 sena u saċerdot 54 sena. (68)

**Dun Frangisk Mallia:** Ġie ordnat saċerdot fit-28 ta' Mejju 1831. (69) Kanonku tal-Kolleġġjata Elenjana, fil-Viżta Pastorali ta' l-1849, ġie kkonfermat bħala Prokuratur tal-kaxxa Agunija, u tal-Knisja tal-Madonna tal-Ħerba, u ġie wkoll nominat bħala Prokuratur tal-knisja ta' Santa Margerita. (70) Meta miet fit-18 ta' Settembru 1863, kien għad kellu dawn it-tliet prokuri f'idejh. (71)

**Dun Guzepp Borg:** Ġie ordnat saċerdot fil-21 ta' Diċembru 1833. (71)

**Dun G.M. Scicluna:** Ġie ordnat saċerdot mill-Isqof F. X. Caruana fit-22 ta' Frar 1834. (73)

**Dun Felic Grech (1810-1891):** Ġie ordnat saċerdot fid-29 ta' Marzu 1834. (74) Fl-1837 sar kanonku tal-Kolleġġjata Elenjana (75) u fl-1838 insibu li kien segretarju tal-Fratellanza tad-Duttrina eretta fil-Kolleġġjata Elenjana (76). Wara l-mewt tad-Dekan Borg f'Diċembru 1878, billi l-kanonku anzjan Dun Mikiel Tonna ma aċċettax li jsir Dekan, sar minfloku Dun Feliċ, li ħa l-pussess fit-28 ta' Diċembru 1878. (77) Dun Feliċ, miet fid-9 t'Awissu 1891, fl-età ta' 81 sena. (78)

**Dun Tumas Decelis:**
Ġie ordnat saċerdot fil-24 ta' Mejju 1834 (79). Fl-1878, il-paviment tal-kappella

ta' San Ġużepp u t-taraġ ta' l-altar ta' l-istess kappella fil-kolleġġjata Elejnana ġew miksija bl-irħam spejjeż tiegħu. (80) F'testment li għamel fl-Atti tan-Nutar Ġużeppi Zammit tat-23 ta' Awissu 1881, ħalla fundazzjoni għall-festa tal-Qalb Immakulata ta' Marija fil-Kolleġġjata Elenjana. (81) Dun Tumas miet fil-15 ta' Diċembru 1887.

**Dun Glormu Debono:** Ġie ordnat saċerdot mill-Isqof F. X. Caruana fl-20 ta' Settembru 1834. (82) Fl-1847 insibu li kien Kanonku Teologu tal-Kolleġġjata Elenjana u f'Diċembru ta' l-istess sena, wara l-mewt tal-Kantur Dun Kustanz Charbon, opta u sar kantur.(83) Il-Kantur Debono miet fl-1 t'Ottubru 1872 fl-età ta' 63 sena. (84)

**Dun Kalcidon Debono:** Ġie ordnat saċerdot mill-Isqof Caruana fl-20 ta' Settembru 1834. (85) Kanonku tal-Kolleġġjata Elenjana, fil-Viżta Pastorali ta' l-1849, ġie kkonfermat fil-kariga ta' prokuratur ta' l-altar tal-Lunzjata (86). Miet fl-ewwel xhur ta' l-1877. (87)

**Dun Anton Gafà:** Ġie ordnat saċerdot mill-Isqof Caruana fis-17 ta' Diċembru 1836. (88) Mill-atti tal-Viżta Pastorali ta' l-1849, nafu li dak iż-żmien Dun Anton kien iċ-ċeremonier tal-kapitlu, u fl-istess Viżta Pastorali ġie kkonfermat bħala Prokuratur tal-Via Sagra, u bħala wieħed mill-Prokuraturi tal-Kaxxa Agunija. (89) Fil-Viżta Pastorali ta' l-1858, insibu lil Dun Anton fil-lista tal-kanonċi Elenjana (90) u fil-Viżta Pastorali li saret fl-1864 ġie maħtur bħala wieħed mill-puntaturi tal-kor. (91) Miet fi-18 ta' Novembru 1877. (92)

**Dun Gwann Battista Imbroll:** Ġie ordnat saċerdot mill-Isqof Caruana fit-22 ta' Diċembru 1838. (93)

**Dun Vincenz Vassallo:** Ġie ordnat saċerdot mill-Isqof Caruana fil-21 ta'Diċembru 1839. (94)

**Dun Frangisk Borg:** Iben Ġużeppi u Grazzja. Kanonku tal-Kolleġġjata sa mis-sena 1836 (95) u ġie ordnat saċerdot fil-21 ta' Diċembru 1839. (96) Miet fit-29 ta' Settembru 1885 fl-età ta' 71 sena.(97)

**Dun Frangisk Saver Agius:** Ġie ordnat saċerdot fil-21 ta' Mejju 1842.(98) Fit-28 ta' Jannar 1846, l-Isqof Caruana ħatru bħala wieħed mit-tliet prokuraturi tal-knisja flimkien mal-Kan. Mikiel Tonna u Dun Ġużepp Mifsud. (99) Fil-Viżta Pastorali li saret f'April 1849, nafu li kien wieħed mill-viċi-parroki tal-parroċċa, flimkien ma' Dun Ġużepp Mifsud. (100) Fl-1873 bit-tħabrik tiegħu, l-qiegħa tal-kappella ta' Sant'Andrija fil-Kolleġġjata Elenjana ġiet miksija bl-irħam a spejjeż tas-sajjieda Karkariżi. (101)

**Dun Guzepp Mifsud:** L-isem ta' Dun Ġużepp Mifsud, bħal dak tal-mibki Kanonku Dekan Dun Vinċenz Saliba, għandu jitniżżel b'ittri tad-deheb fl-istorja tal-Kolleġġjata Elenjana, għax-xogħol li t-tnejn wettqu fil-Kolleġġjata Elenjana. Dun Ġużepp ġie ordnat saċerdot fil-21 ta' Mejju 1842. (102) Nhar it-22 ta' Settembru 1863, ġie elett membru tal-kapitlu Elenjan wara l-mewt tal-Kan Franġisk Mallia u ħa l-pussess fit-23 t'April 1865. (103) Nhar it-28 ta' Jannar 1846, l-Isqof Caruana ħatru bħala wieħed mit-tliet prokuraturi tal-kolleġġjata Elenjana flimkien mal-Kan. Dun Mikiel Tonna u Dun F.. Agius. (104) Baqa' f'din il-kariga sakemm irriżenja fl-1871. (105) Mela b'kollox dam madwar 25 sena Prokuratur tal-Kolleġġjata Elenjana. Biex naraw x'wettaq Dun Ġużepp fiż-żmien li kien Prokuratur, l-ewwel flimkien ma' prokuraturi oħra u wara ma' oħrajn, se nġibu kelma b'kelma x'qalet gazzetta lokali ta' l-1866: *Questo magnifico tempio toccato in epoche diverse non fù condotto al suo termine che l'anno corrente 1866, per cura del M. R. Canonico Gius. Mifsud Procuratore. Dappoiche nel corso di sei anni colla cooperazione di questo procuratore furono inalzate le aggiunte che al compimento del sullodato edifizio mancavano.*

X'kienu dawn iż-żidiet:

1 Inbniet sagristija oħra simili għal dik li kienet diġà teżisti.

2 Fuq ix-xellug tal-koppla ġie mibni "un gran palco can pilastri dal quale parte un arco che lo unisce col vimanente del tempio."

3 Biex l-arkitettura fin-naħat ta' barra tal-knisja mhux biss fl-ewwel imma anki fit-tieni piano tkun ta' ordni uniformi bħal dik tal-faċċata tkomplew il- pregio u l-cornicione fil-pjan superjuri mad-dawra kollha tal-knisja.

4 Fuq il-kuridur li jgħaqqad iż-żewġ sagristiji ġiet mibnija Awla Kapitulari.

Dawn ix-xogħolijiet kollha ġew esegwiti taħt id-direzzjoni ta' l-imgħallem Gius. Mangion. Minn dan kollu jidher ċar kemm kien kbir il-kontribut tal-Kanonku Mifsud. (106) Bħala prokuratur tal-knisja, Dun Ġużepp kien ukoll responsabbli għall-festa titulari ta' Sant'Elena, u għall-impenn tiegħu f'dan il-qasam, kien jiġi rringrazzjat fil-gazzetti. (107) Il-Kan. Mifsud kien ukoll Prokuratur tal-Fratellanza tas-Sagrament, kariga li ġie kkonfermat fiha fil-Viżtà Pastorali ta' l-1864. (108) Huwa miet nhar il-15 ta' Lulju 1882. (109)

**Dun Awrelju Borg:** Iben Toni Borg u Rosa Charbon. (110) Ġie ordnat saċerdot mill-Isqof Sant fis-17 ta' Diċembru 1842. (111) Ismu jidher ma' dak tal-Kanonċi Elenjani fil-Viżta Pastorali tal-1849 (112) u nafu li kien it-Teologu. (113) Wara l-mewt tal-Kan. Teżorier Dun Vinċenz La Speranza li seħħet fis-7 ta' Ottubru 1856. Dun Awrelju opta u sar Kan. Teżorier u minn digriet tal-Kurja nafu li diġà kien Kanonku Teżorier fit-22 ta' Jannar 1857. (114) Fl-1860 insibu li Dun Awrelju kien il-Prokuratur tal-Fundazzjoni Pierina. It-teżorier Borg miet fil-15 ta' Settembru 1898 fl-età ta' 80 sena. (115)

**Dun Kalc Agius (1821-1867):** Twieled f'B'Kara fit-2 ta' Lulju 1821.(116) Ġie ordnat saċerdot fl-1845 u wara l-ordinazjoni għamel ħames snin jgħallem fis-seminarju. Kien ukoll Konfessur u predikatur, u sa l-1853 kien diġà ppriedka l-kwareżimal fil-katidral. (118) Fl-1853 ġie maħtur Kanonku Prepostu Arċipriet tal-Kolleġġjata Elenjana, u ħa l-pussess fil-21 ta' Diċembru 1853. (119) Mexxa l-parroċċa Elenjana għal ftit iżjed minn 12-il sena. Matul il-parrokat tiegħu tkompla u tlesta l-bini tal-knisja, u l-kapitlu ngħata l-użu tas-salib pettorali (1861), u fl-1857 il-Prepostu Agius waqqaf Kongregazzjoni għat-tagħlim tad-Duttrina fil-knisja tal-Ħerba. (120) Wara konkors f'Marzu 1866 ġie maħtur Kanonku penitenzier tal-Katidral. Miet fil-21 ta' Settembru 1867. (121)

**Dun Frangisk Vassallo:** Ġie ordnat saċerdot mill-Isqof Sant fit-28 ta' Marzu 1846. (122) Fil-Viżta Pastorali ta' l-1849, ġie nominat Prokuratur tal-Knisja tal-Vitorja. (123) Ġie elett Kanonku u ħa l-pussess fit-18 ta' Settembru 1877. (124) Miet fl-1 ta' Novembru 1893, fl-età ta' 72 sena. (125)

**Dun Guzepp Xerri (1823-1897):** Twieled fit-12 ta' Ottubru 1823, (126) u ġie ordnat saċedot fit-18 ta' Marzu 1848. (127) Matul il-Viżta Pastorali ta' l-1849, ġie kkonfermat bħala Prokuratur tad-Duluri. (128) Fl-istess sena ġie maħtur bħala l-ewwel Viċi-parroku tal-Viċi-parroċċa ta' San Ġiljan. (129) Huwa baqa' f'din il-kariga sa l-1891 meta ġie maħtur bħala l-ewwel kappillan tal-parroċċa l-ġdida ta' San Ġiljan. Miet f'din il-kariga fid-9 ta' Ġunju 1897. (130)

**Dun Fortunato Valletta:** Ġie ordnat saċerdot mill-Isqof Sant fit-22 ta' Diċembru 1849.(131) Fil-Viżta Pastorali ta' l-1858, ġie maħtur bħala wieħed mit-tliet Prokuraturi tal-Knisja u tad-duttrina. (132) Fl-1868 insibu li kellu l-kariga ta' Viċi-parroku fil-Ħamrun li f'dak iż-żmien parti sewwa minnu kienet għadha tagħmel parti mill-parroċċa ta' B'Kara. (133) Dun Fortunato, dam għal diversi snin iwettaq il-Ministeru Pastorali fil-Ħamrun u ħabrek għall-bini tal-knisja ta' San Gejtanu. Meta fl-1881, twaqqfet il-parroċċa tal-Hamrun, Dun Fortunato ġie maħtur bħala Vigarju Kurat (134) u fl-1884, ġie maħtur bħala l-ewwel kappillan(135), kariga li baqa' jżomm sakemm miet fl-1895. (136) Fil-perjodu li qegħdin nitkellmu fuqu, ġew ukoll ordnati saċerdoti l-kanonċi Dun Kustanz Sant u Dun G. B. Borg, iżda ma mexxilix insib id-data ta' l-ordinazzjoni tagħhom, għaldaqstant qiegħed ninkludihom fl-aħħar ta' din il-lista.

**Dun Kustanz Sant (1804-1878):** Iben Girgor u Maria, ġie mgħammed fid-9 ta' Diċembru 1804.(137) Bħala kjeriku, ħadem fil-Fratellanza tad-Duttrina.(138) Sar Kanonku tal-Kolleġġjata fid-9 ta' Marzu 1834.(139) Fl-1893, ġie maħtur Prokuratur tal-knisja ta' Santu Rokku(140) u ġie kkonfermat f'din il-kariga fl-1849.(141) Miet fit-13 ta' Novembru 1878, fl-età ta' 73 sena.(142)

**Dun Gwann Battista Borg (1818-1885):** Iben Baskal u Grazzja Camilleri, Dun

Patist twieled fil-15 ta' Jannar 1818.(143) Ordnat saċerdot, kien Predikatur u Konfessur. Sar Kanonku tal-Kolleġġjata Elenjana fis-6 ta' Ottubru 1851, u viċi-parroku fl-24 ta' Awissu 1852 u nsibu li għal erba' darbiet kien Kurat bil-poteri ta' Vigarju.(144) Fil-fatt nafu li kien Vigarju Kurat tal-parroċċa Elenjana wara li spiċċa l-Prepostu Agius minn April 1866 sa Marzu 1867. (145) Dun Patist amministra ukoll numru ta' prokuri. Fil-Viżta Pastorali ta' l-1858, ġie maħtur bħala wieħed mit-tliet Prokuraturi tal-knisja u tad-Duttrina (146). Prokuri oħra li kien jamministra kienu dawk tal-knisja tal-Ħerba, ta' l-Agunija u tal-knisja ta' Santa Venera u tad-dar kontigwa magħha.(147) Il-Kanonku Borg miet fl-20 ta' Mejju 1885, fl-età ta' 67 sena.

**Dun Anton Mallia:** Ġie ordnat saċerdot mill-isqof Sant fit-23 ta' Diċembru 1848.

RIFERENZI


1. A(rkivju) K(atidral) M(alta) R(egistrum) O(rdinandirum) 14, (1808-1829).
2. A.K.A. Suppliche 1850-51 Vol.II f.448V.
3. A.K.A. Viżta Pastorali Sant 1849 f.177V.
4. A.K.M. R.O.14(1808-1829) f30R.
5. Ibid f34V.
6. L(ibrerija) N(azzjonali) M(alta) 747.
7. A.K.A. Atti Ċivili 1833-1834 f300R.
8. A.K.M. R.O.14(1808-1829) f35R.
9. Ibid f42V
10. A.K.A. Atti Ċivili 1833-1834 f52R.
11. Ibid. 1839-1841 f148R.
12. M(alta) G(ovt) G(azzette) 9-1-1855 p.16
13. A.K.A. File Canonicati di B'Kara (1830-1893)
14. A.K.A. Viżta Pastorali Mattei f99V
15. A.K.M. R.O.14(1808-1829) f35R., 42V
16. L.N.M. 747
17. A.K.A. Viżta Pastorali Mattei 1820 f144R
18. Ibid -Viżta Pastorali Mattei 1811 f49V.
19. A.K.M. R.O.14(1808-1829) f35R., 42V
20. A.K.A. Viżta Pastorali Mattei 1820 f144R
21. L.N.M. 747.
22. A.K.A. Recenti Collazioni dei Canonicati di B'Kara 185901906 65R
23. Ibid f66R
24. A.K.M. R.O.14(1808-1829) f62V.
25. A.K.A. Recenti Collazioni op. cit. f66R.
26. Ibid. Viżta Pastorali Sant 1849 f187V
27. Ibid. Recenti Collazioni, op. cit. f65R
28. Ibid. f66R
29. A.K.M. R.O.14(1808-1829) f70V.
30. L.N.M. 747
31. A.K.A. Recenti Collazioni op. cit. f83R
32. Ibid. Viżta Pastorali Mattei 1820 f144R
33. Ibid Recenti Collazioni op. cit. f83R
34. A.K.M. R.O.14(1808-1829) f70V.
35. Ibid. f79V
36. A.K.A. Viżta Pastorali Mattei 1820 f144R
37. L.N.M. 747
38. A.K.A Ordinazzjonijiet Sant f18V.
39. A.K.M. R.O.14(1808-1829) f2
40. A.K.A. Viżta Pastorali Mattei 1820 f144R
41. L.N.M. 747.
42. A.K.M. R.O.14(1808-1829) f97R
43. A.K.A.Suppliche 1850-1851 Vol II, f446V
44. Ibid, Viżta Pastorali Mattei 1820, f144V
45. A.K.A. Ordinazzjonijiet Sant f36V
46. L.N.M. 747.
47. A.K.M. R.O.14(1808-1829) f110R
48. A.K.A. Ordinazzjonijiet Sant f51V
49. Ibid. Viżta Pastorali Sant 1849 f175V
50. A.K.A. Ordinazzjonijiet Sant f51V
51. Ibid Suppliche Vol II wara f342
53. A.K.A. Ordinazzjonijiet Sant f51V
54. A(rkivju) P(arrokkjali) B(Kara) Libro di Battesimo 1800-1818 u A.P.B. LibroVIII Morte 1870-1880 taħt id-data 14-XII-1878
55. A.K.M. R.O.14(1808-1829)
56. A.P.B. Libro VIII Morte 1870-1880 taħt id-data 14-XII-1878.
57. L'Ordine 24-VI-1859. A.K.A. Ricenti Collazioni op. cit. fiR,5R
58. A.P.B. LibroVIII Morte 1870-1880
59. A.P.B. Libros Defunctorum IX taħt id-data 15-VII-1885.
60. A.K.M. R.O.14(1831-1847) f1R.
61. A.K.A. Suppliche 1850-1851 Vol II f.445R., Recenti Collazioni op. cit. f159R.

62. A.K.A Recenti Collazioni op. cit. f107V.
63. A.P.B. Libris Defunctorum VOL.IX taħt id-data 15-VII-1885.
64. A.K.A. Atti Ċivili 1842-1848 f295R
65. A.K.A. Viżta Pastorali Sant 1849 f187V.
66. A.K.A. Viżta Pastorali Pace Forno 1860 f119V, Viżta Pastorali PaceForno 1863 f115R.
67. Viżta Pastorali PaceForno 1863 f115R.
68. A.P.B. Libris Defunctorum VOL.IX taħt id-data 15-VII-1885
69. A.K.M. R.O.15(1831-1847) f1R
70. A.K.A. Viżta Pastorali Sant 1849 f178V, 187V, 188V.
71. A.K.A. Recenti Collazioni op. cit. f22R, 23R, u Atti Ċivili (1863-1878) f15V, 19R.
72. A.K.M. R.O.15(1831-1847) f40R
73. Ibid. f41V, 42R.
74. Ibid. f42V
75. Ara l-iskrizzjoni taħt il-kwadru-ritratt tiegħu fl-Awla Kapitular.
76. A.K.A. Atti Ċivili 1835-1838, Vol. I f574R
77. A.K.A. Recenti Collazioni op. cit. f107R, 107V, 108R, 112R.
78. Ara l-iskrizzjoni taht il-kwadru tiegħu fl-Awla Kapitulari.
79. A.K.M. R.O.14(1831-1847) f44R
80. Ara l-iskrizzjoni li hemm fil-kappella ta' San Ġużepp fil-Bażilka Elenjana.
81. A(rkivju) N(Otarili) V(alletta), Atti Nutar Ġużeppi Żammit 23-VIII-1881
82. A.K.M. R.O.14(1831-1847) f46R
83. A.K.A. Suppliche 1850-1851 Vol II f.446R, 447R, 448R, 448V.
84. Il Portofoglio Maltese 4-X-1872
85. A.K.M. R.O.15(1831-1847) f46R.
86. A.K.A. Viżta Pastorali Sant 1849 f178R, f187R, f187V, Recenti Collazioni, op. cit. f76R.
88. A.K.M. R.O.15(1831-1847) f66R
89. A.K.A. Viżta Pastorali Sant 1849 f178V,188R.
90. A.K.A. Viżta Pastorali Pace Forno 1858 f157V
91. Ibid. Viżta Pastorali 1863 Pace Forno f115V.
92. Ibid. Recenti Collazioni Op. Cit. f100R.
93. A.K.M. R.O.15(1831-1847) f83R
94. Ibid. f88V
95. A.K.A. Recenti Collazioni, op. cit. f169R.
96. A.K.M. R.O.15(1831-1847) f88R
97. A.K.A. Recenti Collazioni, op. cit. f169R.
98. A.K.M. R.O.15(1831-1847) f104R.
99. A.K.A. Atti Ċivili (1842-46) f295R.
100. A.K.A. Viżta Pastorali Sant 1849 f177R, 187V.
101. Mal-Lapida li hemm fil-kappella ta' Sant'Andrija fil-Bażilka Elenjani.
102. A.K.M. R.O.15(1831-1847) f104R.
103. A.K.A. Recenti Collazioni, op. cit. f22R, 23R, 32R.
104. Ibid. Atti Ċivili (1842-1846) f295R.
105. A.K.A. Atti Ċivili (1863-78) f285R.
106. L'Ordine 21-IX-1866
107. Ara L'Ordine 23-VIII-1868. La Croce di Malta, 24-VIII-1869.
108. A.K.A. Viżta Pastorali Pace Forno 1858 f115V
109. A.P.B. Libro IX Morte.
110. A.K.A. Recenti Collazioni, op. cit. f439R.
111. A.K.A. Ordinazzjonijiet SANT f56R.
112. Ibid. Viżta Pastorali Sant 1849, f178R.
113. Ibid. File Canonicati di B'Kara 1830-93.
114. Ibid.
115. A.K.A. Recenti Collazioni, op. cit. f439R.
116. L'Ordine 27-IX-1867.
117. A.K.A. Ordinazzjonijiet SANT f59R.
118. A.K.M. Concorso B'Kara 1853
119. L'Ordine 30-XII-1853.
120. L'Ordine 27-IX-1867.
121. Ibid. 16-III-1866, 13-IV-1866, 27-IX-1867.
122. A.K.A. Ordinazzjonijiet SANT f61R.
123. A.K.A. Viżta Pastorali Sant 1849 f187V.
124. Ibid. Recenti Collazioni Op. Cit. f85V, 86R.
125. Ara d-data taħt l-arma tiegħu fl-Aula Kapitulari.
126. L'Ordine 12-X-1823
127. A.K.A. Ordinazzjonijiet SANT f67R.
128. Ibid Viżta Pastorali Sant 1849, f187V.
129. L'Ordine, 19-VI-1897.
130. Ibid.
131. A.K.A. Ordinazzjonijiet SANT f79R.
132. Ibid Viżta Pastorali Pace Forno 1858 f146V.
133. Il Portafoglio Maltese, 21-VIII-1868.
134. R. Mangion, Il-Knisja ta' San Gejtanu fil-ktieb Mitt Sena Parroċċa San Gejtanu, Ħamrun.
135. Fede Ed Azione 17-V-1884, p159.
136. op cit.
137. A.P.B. Libro di Battesimo 1800-1818.
138. L.N.M. 747.
139. A.P.B. Libro VIII Morte (1870-1880) taħt id-data 13-Xi-1878)
140. A.K.A. Atti Ċivili (1842-1848) f77R.
141. Ibid. Viżta Pastorali Sant f187V.
142. A.P.B. Libro VIII Morte (1870-1880)
143. A.K.A. Recenti Collazioni Op. Cit. f150R
144. Ibid
145. A.K.A. Libro di Battesimo Frar 1860-Mejju 1869.
146. A.K.A. Vista Pastorali Pace Forno 1858 f146V
147. A.K.A. Vista Pastorali Pace Forno 1863 f115V; Atti Ċivili 1863, 1878, f19R, 81R.
148. A.K.A. Recenti Collazioni op. cit. f150R